

# Minn fuq l-ispalla
## *It-taqbil fil-festi*

F'DAN L-ARTIKLU NINŻLU SAL-FESTA MA' **ALEXANDER VELLA GREGORY**, ĦALLI NISIMGĦU T-TAQBIL TA' DEVOZZJONI JEW TA' PIKA LI JINGĦAD

Hekk kif il-banda tieqaf u l-miġemgħa tistenna b'ħerqa l-marċ li jmiss, xi ħadd jiftaħ fommu, jgħolli jdejh, jew jitla' fuq l-ispalla. Imbagħad joħorġu l-vrus imħanxra ħa jismagħhom kulħadd: daqqa ta' tifħir lejn il-patrun jew il-patruna, u daqqa ta' pika. Ġieli jkun taqbil ġdid, allura kulħadd jisimgħu b'attenzjoni akbar, u ġieli jkun taqbil qadim li ntiret minn ġenerazzjoni għal oħra, u allura f'dal-każ kulħadd jingħaqad għall-vers finali. U fl-aħħar? Iżjed ċapċip u iżjed briju.

Fl-2020 tnieda l-proġett ta' ġbir *Minn Fuq l-Ispalla* fi ħdan proġett akbar, *Il-Kelma fil-Komunità*, immexxi mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta. L-għan tal-proġett hu li niġbru kemm nistgħu taqbil tal-festi qabel ma ħafna minnu jintilef.

It-tqabbil huwa parti oħra mir-ritwal kumpless u rikk tal-festa Maltija. Għalkemm hemm taqbil li jmur lura snin twal anke 'l fuq minn mitt sena, ħafna minnu jintilef maż-żmien.

**Smajt il-qniepen tal-Furjana**
**Kollha jagħmlu 'ding, dang, bomm',**
**Iżd'għalxejn, tgħiduli x'tgħiduli**
**Għax ma' tal-Istilla rrid inżomm.**

***(Santa Marija, Ħal Għaxaq)***

Ħafna taqbil ikun marbut ma' sena partikolari, speċjalment jekk ikun ta' pika.

**Din festa kompluta minn kollox**
**Għal innu marċ għandna tnejn,**
**Din is-sena għamilna l-umbrella**
**Biex il-festa żgur ma nħalluha...**
**...nieqsa minn xejn**

***(San Filep, Ħaż-Żebbuġ)***

Kien għalhekk li nħass il-bżonn ta' dan il-proġett ħalli dan il-patrimonju intanġibbli ma jintilifx. Ġbarna mal-elf taqbila, u għadna bilkemm bdejna.

Fil-forma l-aktar sempliċi tiegħu, it-taqbil jikkonsisti fi kwartina b'versi ottonarji u rima mqabbża. Xi taqbil għandu l-istess binja, b'xi tibdil żgħir skont il-festa.

> **Jum sabiħ fost id-devoti,**
> **Jum sabiħ għall-Birgu tagħna,**
> **Kulħadd jgħajjat b'vuċi waħda**
> **Viva l-kbir Lorenzo tagħna!**
>
> ***(San Lawrenz, il-Birgu)***

Imma nsibu diversi varjanti, inkluż taqbil kantat, taqbil b'versi irregolari, u saħansitra makkjetti. Dawn tal-aħħar jidhru li huma fenomenu riċenti. L-aktar eżempju bikri hu makkjetta tal-2010 għall-festa ta' Santa Marija tal-Imqabba, u wara ftit dawn bdew isiru wkoll għal Sant'Andrija ta' Ħal Luqa mill-partitarji tal-Banda Unjoni. Fil-makkjetti t-taqbil jieħu forma aktar teatrali, bi tnejn min-nies jew iktar, li permezz tal-versi mqabblin jirrakkontaw storja li, ġeneralment, tkun satirika u umoristika.

It-tematika tat-tqabbil hi varjata sew, għalkemm nistgħu naqsmuha f'żewġ kategoriji bażiċi: devozzjoni u pika. Fl-ewwel kategorija nsibu taqbil li jittratta l-kwalitajiet sbieħ tal-patrun jew tal-patruna.

> **Kewkba dehret ġewwa Betlem**
> **Meta twieled il-Messija,**
> **Oħra dehret fuq Duminku**
> **F'dak il-ħin tal-magħmudija.**
>
> ***(San Duminku, il-Belt Valletta)***

Dan jirrakkonta stejjer mill-ħajja tiegħu/tagħha, jew jintiseġ f'għamla ta' talba. Dan it-taqbil ġeneralment ikollu forma aktar regolari u vokabularju iżjed poetiku. Il-pika fit-taqbil tista' tkun sottili (ftaħir bil-festa jew bil-ħidma tal-partitarji), inkella diretta. F'din il-kategorija ma jonqosx l-element umoristiku li spiss ikun kemxejn inqas mirqum.

## It-tqabbil huwa parti oħra mir-ritwal kumpless u rikk tal-festa Maltija

> **L-Isla għandhom il-Bambina,**
> **Bormla għandhom il-Kunċizzjoni,**
> **Ħaż-Żabbar għandna 'l tal-Grazzja,**
> **L-isbaħ u l-aqwa purċissjoni.**
>
> ***(Il-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar)***

It-tradizzjoni tat-tqabbil tvarja minn festa għal oħra u hi l-aktar b'saħħitha fin-Nofsinhar ta' Malta u fl-inħawi tal-Port il-Kbir. Fil-fatt, mill-inħawi ta' Tas-Sliema u Għawdex ftit li xejn ġbarna taqbil. Hemm ħafna fatturi li jiddeterminaw dan, ewlenija fosthom il-preżenza ta' individwi li jkunu lesti jqabblu.

Ngħidu aħna, f'festi antiki, bħal tas-Salvatur ta' Ħal Lija, din it-tradizzjoni tidher li battiet tant li kważi ntilfet għalkollox. F'xi festi aktar riċenti, bħall-Kunċizzjoni tal-Ħamrun u tal-Madonna ta' Fatima, Gwardamanġa, kien hemm żmien meta xi wħud daħħlu t-tqabbil iżda t-tradizzjoni ma qabditx art. Hemm imbagħad festi kbar, bħal ta' San Gejtanu, il-Ħamrun, u ta' Santa Marija, il-Mosta, fejn minkejja li t-tradizzjoni tal-festa hi b'saħħitha, ftit li xejn ġbarna taqbil.

Hemm ukoll elementi demografiċi interessanti x'wieħed jikkunsidra. Fl-inħawi tal-Port l-iktar li jqabblu quddiem il-vara huma l-irġiel, filwaqt li n-naħa t'isfel ta' Malta (Santa Marija, Ħal Għaxaq u l-Qrendi, u Santa Katarina, iż-Żurrieq), in-nisa huma ferm aktar involuti fit-tqabbil. It-taqbil ta' pika waqt il-marċi jingħad l-aktar miż-żgħażagħ, u fl-aħħar snin żdiedet il-parteċipazzjoni tat-tfajliet.

Il-proġett *Minn Fuq l-Ispalla* qed isalva dan il-patrimonju lingwistiku importanti tagħna. It-taqbil jitfa' dawl mhux biss fuq il-festi iżda wkoll fuqna bħala bnedmin. Għalhekk min għandu xi taqbil x'jgħaddilna, kemm antik kif ukoll kontemporanju, jista' jiktbilna fil-paġna tal-Facebook *Minn Fuq l-Ispalla*.